NEWSHEET TAL-GĦAQDIET KATTOLIĊI

Segretarjat għall-Apostolat tal-Lajċi

IL-KURJA, KAXXA POSTALI 1 TRIQ IR-REPUBLIKA, VICTORIA, VCT 1013, GHAWDEX, MALTA.
TEL: (00356) 2155 6661 - (00356) 2155 6427 - (00356) 2155 1211 FAX: (00356) 2155 127

**Nru. 383.** **NOVEMBRU 2008**

++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++

**JUM IL-QDUSIJA UNIVERSALI**

## IS-SIBT, 1 TA’ NOVEMBRU 2008

**“IL-QDUSIJA HIJA FRATERNITÀ ”**

**Jum il-Qdusija Universali jiġi ċċelebrat ta’ kull sena mill-Moviment “Pro Sanctitate” fejn huwa mxerred, fosthom Malta u Għawdex.**

Din is-sena l-Jum Mondjali għall-Qdusija Universali ifakkarna li ma jistax ikun hemm qdusija mingħajr fraternità. Il-fraternità tiġi mill-qdusija bħala għajn ta’ilma u fonti ta’dawl,kważi ilma u nar li fil-magħmudija nsiru ilkoll aħwa b’rabta familjari. Ulied u aħwa ta’ l-istess Missier ,qaddisin b’sejħa tal-Missier b’rigal tal-Iben Ġesù u bl-azjoni misterjuza ta’ l-Ispirtu s-Santu. L-Imħabba fraterna torbtna lkoll flimkien biex nidqaddsu flimkien.

==========================================================================================

## ĊELEBRAZZJONI DJOĊESANA TA’ KRISTU RE

**IL-ĦADD, 23 TA’ NOVEMBRU 2008**

**Motto : « KULL META TIEKLU DAN I L-ĦOBŻ …. » (1.Kor.11,26)**

***« Ma nistgħux ngħixu mingħajr l-Ewkaristija ta’ Jum il-Mulej »***

***(Martri ta’ Abitene, bidu tas-Seklu 4)***

**Objettiv : Enfasi fuq l-Ewkaristija tal-Ħadd : il-familja li tinġabar bħala Knisja f’Jum il-Mulej.**

( *parti mill-mixja tal-Missjoni Djoċesana)*

***Il- Festa ta’ Kristu Sultan ser tiġi ċċelebrata fir-Rabat nhar il-Ħadd, 23 ta’ Novembru 2008.***
Dawk kollha responsabbli kif ukoll l-membri kollha tal-Għaqdiet u Movimenti Kattoliċi u Gruppi Ekkleżjali oħra flimkien mal-insara Għawdxin kollha huma mitluba biex jattendu għall-**Funzjoni ta’ Kristu Re li jsir fir-Rabat minn Pjazza Savina għall-Pjazza San Franġisk.**

**Il-programm, jinkludi:**

**4.30pm** : **L-Ewwel Mument** : Espożizzjoni tal-Ewkaristija (Pjazza Savina) : Ċelebrazzjoni Talb u Kant. **It-Tieni Mument** : Purċissjoni minn Pjazza Savina,għall-Pjazza Indipendenza, Triq ir-Repubblika,Triq taħt Putirjal, u tagħlaq fi Pjazza San Franġisk.Meta naslu fil-Pjazza San Franġisk issir l-Adorazzjoni,ikun hemm kant, Ċelebrazzjoni tal-Kelma t’Alla, Mima:“ l-0fferti tal-inċens’,diskors ta’ l-Isqof t’Għawdex Mario Grech, u Benedizzjoni Ewkaristika.

***N.B. Jekk ikun il-maltemp jew ix-xita kollox isir mill-ewwel fil-Knisja tax-Xewkija . Jekk ikun hemm xi tibdil fil-programm ngħarrfukom minn qabel. Araw il-Poster u l-Programm iktar ‘l quddiem.***

**KULĦADD HUWA MISTIEDEN GĦAL DIN IL-MANIFESTAZZJONI PUBBLIKA F’ĠIEĦ KRISTU SULTAN**

++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++

**JUM IL-KARITA’**

FIL-FESTA’ TA’ KRISTU SULTAN FIL-KNEJJES KOLLHA SSIR IL-ĠABRA TAL-KARITA’.

---

**JUM L-ISQOF**

**Infakkru li s-26 ta’ Novembru 2008 jaħbat it-tielet anniversarju mill-ħatra ta’ l-Isqof Mario Grech bħala Isqof ta’ Għawdex, nitolbu għalih.**

****************************************************************************** ***P.T.O.***

**Kalendarju Pastorali**
**NOVEMBRU – 2008**
**Numru 383**

| | |
|---|---|
| 1.Sibt | Solennita' tal-Qaddisin kollha. Messalin sena B. paġina 558. Jum il-Qdusija Unversali. |
| | Bejn l-1 u t-8 ta' Novembru, min b'devozzjoni jżur iċ-ċimiterju jirbaħ l-Indulġenza Plenarja. Tintrebaħ dik parzjali, jekk iż-żjara ssir fil-ġranet l-oħra. L-ewwel Sibt tax-xahar. |
| | Lejl Adorazzjoni mill-Mov.Ewk. fil-Knisja tar-Ragħaj it-Tajjeb, Victoria, quddiesa fit-8.00p.m. |
| | Laqgħa ta' Grupp Missjunarju Għawdxi fis-Seminarju fil-5.00p.m. |
| 2.Ħadd | Tifkira Solenni tal-Fidili Mejtin kollha.Għid ta' l-Imwiet. Messalin sena B. p.564. |
| | Films għall-Familja kollha kull nhar ta' Ħadd fil-5.30p.m. fl-Oratorju Don Bosco Victoria. |
| 3.Tnejn | San Martin de Porres Reliġjuż. Tifkira. |
| 4.Tlieta | San Karlu Borromeo, Isqof – Tifkira (0). |
| | Il-142 Anniversarju mit-twaqqif tas-Seminarju tal-Qalb ta' Ġesu', t'Għawdex. |
| | Laqgħa għaż-żgħażagħ Għawdxin f'Malta – Kappella ta' l-Università – 7.15pm. - KDŻ |
| 5.Erbgħa | Laqgħa tal-Kulleġġ tal-Kappillani fiċ-Ċentru Pastorali tar-Ragħaj it-Tajjeb. |
| 7.Ġimgħa | L-ewwel Ġimgħa tax-xahar. Adorazzjoni u Tqarbina Riparatriċi. |
| | Laqgħa Parrokkjali Formazzjoni Missjunarji fis-7.00p.m. |
| 8.Sibt | Fil-Katidral issir il-Konċelebrazzjoni Solenni b'suffraġju tal-membri tas-Solidalità ta' San Filippu Neri fit-8.00a.m. Kunsill Presbiterali – Katidral – 9.00a.m. |
| | Lejl Adorazzjoni mill-Mov.Ewk. fil-Kappella ta' l-Oratorju Don Bosco, Victoria, b'quddiesa fit-8.00p.m. |
| 9.Ħadd | Dedikazzjoni ta' l-Arċi-Bażilika tal-Lateran – Festa Messalin sena A p.482. |
| | Films għall-Familja kollha kull nhar ta' Ħadd fil-5.30p.m. fl-Oratorju Don Bosco, Victoria. |
| 9-14 | Irtir tas-saċerdoti –Dar Manresa, Victoria. Imexxi Fr. Renè Camilleri. |
| 10.Tnejn | San Iljun il-Kbir,Papa u duttur tal-Knisja –Tifkira (0). |
| | ARS CELEBRANDI –Kungress Liturġiku Manresa mill-5.00p.m. sat-8.00p.m. |
| 11.Tlieta | San Martin ta' Tours, Isqof – Tifkira (0) |
| 12.Erbgħa | San Ġosofat, isqof u martri – Tifkira (0) - Kungress Liturġiku Manresa mill-5.00p.m. sat-8.00p.m. |
| 14.Ġimgħa | Laqgħa Djoċesana Formazzjoni Missjunarji, Ta' Pinu fis-7.00p.m. |
| 15.Sibt | Lejl Adorazzjoni mill-Mov. Ewk. Fil-Parroċċa tax-Xewkija li jibda fit-8.00p.m. |
| 16.Ħadd | It-33 Ħadd tas-sena- Messalin Sena A . paġina 420. |
| | Films għall-Familja kollha kull nhar ta' Ħadd fil-5.30p.m. fl-Oratorju Don Bosco, Victoria. |
| 17.Tnejn | Santa Eliżabetta ta' l-Ungerija,reliġjuża – Tifkira (0). |
| | Lectio Divina għas-saċerdoti Żona A (Katidral fil-4.00p.m. |
| 18.Tlieta | Dedikazzjoni tal-Bażiliċi ta' l-Appostli San Pietru u San Pawl – Tifkira. |
| 20.Ħamis | Jum Universali tat-tfal (NU). |
| | Ċelebrazzjoni ta' Kristu Re għall-Adolexxenti - K.D.Ż |
| 21.Ġimgħa | Preżentazzjoni tal-Verġni Marija. – Tifkira.(0) |
| | Jum il-Klawstrali. |
| | Laqgħa Parrokkjali: Formazzjoni Missjunarji fis-7.00p.m. |
| 22.Sibt | Santa Ċeċilja, verġni u martri – Tifkira (0). |
| | Musical " Maria ta' Nazaret " – 0ratorju Don Bosco – 7.30p.m. |
| | Lejl Adorazzjoni mill-Mov.Ewk. fil-Parroċċa tal-Fontana li jibda b' quddiesa fit-8.00p.m. |
| 23.Ħadd. | Solennità ta' Sidna Ġesù Kristu, Sultan tal-Ħolqien kollu. |
| | Messalin sena A. paġina 426. |
| | Kristu Re - Ċelebrazzjoni Djoċesanafir-Rabat fil-4.30p.m. |
| | Jum il-Karita' – ġabra fil-Knejjes. |
| | Musical "Maria ta' Nażaret" -Oratorju Don Bosco fis-7.30p.m. |
| 24. Tnejn | San Andrija Dung – lac, u sħabu martri – Tifkira |
| | Lectio Divina għas-saċerdoti Żona B San Lawrenz – fil-4.00p.m. |
| 25.Tlieta | Santa Katerina ta' Lixandra, verġni u martri – Tifkira |
| 26.Erbgħa | It-Tielet Anniversarju mill-ħatra tal-Isqof Mario Grech bħala Isqof t'Għawdex – Nitolbu għalih. |
| 27.Ħamis | Jum radd il-Ħajr għall-ġid tal-Ħolqien. |
| | Issir Funżjoni Reliġjuża fuq bażi Parrokkjali. |
| 28.Ġimgħa | Laqgħa Djoċesana Formazzjoni Missjunarji, Ta' Pinu, fis-7.00p.m. |
| 29.Sibt | Tħabbira ta' l-Avvent. |
| | Katekeżi ta' l-Avvent għaż-Żgħażagħ Seminarju 8.30p.m. KDŻ. |
| | Adorazzjoni għall-Persuni Kkonsagrati fil-Parroċċa ta' l-Għarb li tibda fis-6.00p.m. |
| | Lejl Adorazzjoni mill-Mov.Ewk. fil-Knisja ta' Savina, Victoria li jibda b' quddiesa fit-8.00p.m. |
| | Musical "Maria ta' Nazaret" – Oratorju Don Bosco – 7.30p.m. |
| 30. Ħadd | L-ewwel Ħadd ta' l-Avvent –Messalin sena B paġina 75. |

******************************************************************P.T.O